Jekk ma tiġix depożitata miegħi (fir-Reġistru ta' l-Artijiet) kawżjoni kontra l-ewwel reġistrazzjoni qabel ma jgħaddu tletin (30) jum minn din id-data jien nipproċedi billi nirreġistra t-titolu ta' l-art. Fi żmien qasir jinħareġ ċertifikat ta' titolu f'isem l-applikanti msemmija hawn fuq.

Dott A. Micallef Trigona, LL.D.,
*Reġistratur ta' l-Artijiet*

It-13 ta' Marzu, 1990

If a caution against first registration is not lodged with me (at the Land Registry) before the expiration of thirty (30) days from the date of this notice, I shall proceed to register the titles to the land. In due course a certificate of title shall be issued in the above mentioned applicants' names.

Dr A. Micallef Trigona, LL.D.
*Land Registrar*

13th March, 1990

**Nru. 173**

**Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ**

SKOND ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ (A.L. 117 ta' l-1975) id-Direttur tal-Portijiet jordna illi, sakemm speċifikament awtorizzati minnu, l-ebda bastiment jew dgħajsa jew inġenji oħra ma jistgħu jirmiġġaw, jorbtu jew jankraw u l-ebda persuna ma tista' tgħum jew tagħmel xi kwalità ta' attività b'konnessjoni ma' għads taħt l-ilma jew sport tal-baħar f'raġġ ta' mil nawtiku 'l hemm mill-gżira ta' Filfla.

Id-direttivi ta' hawn fuq ma japplikawx għal attivitajiet b'konnessjoni ma' sajd li jsir direttament minn fuq bastiment, dgħajsa jew xi inġenji oħra.

Iż-żona projbita hija ġewwa ċirku b'raġġ ta' 1.1 mili nawtiċi li jiċċentra fuq il-*co-ordinates* li ġejjin — Latitude 35° 47.37N Longitude 14° 24.60E.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 473 ta' l-1987 hija b'din imħassra.

It-13 ta' Marzu, 1990

**No. 173**

**Berthing Regulations 1975**

IN terms of the Berthing Regulations 1975 (L.N. 117 of 1975) the Director of Ports directs that, unless specifically authorised by him, no vessel or boat or any other craft may be berthed, moored or anchored and no person may swim or carry out any kind of activity connected with underwater diving or sea sport within one nautical mile radius off the island of Filfla.

The above directives do not apply to activities connected with fishing carried out directly from a vessel, boat or any other craft.

The prohibited zone is within a circle radius 1.1 nautical miles centred on the following co-ordinates — Latitude 35° 47.37N Longitude 14° 24.60E.

Govenment Notice No. 473 of 1987 is hereby revoked.

13th March, 1990

---

L-OGHLA PREZZIJIET TA' VETTURI BIL-MUTUR

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 39**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom it-tipi ta' vetturi bil-mutur li ġejjin jistgħu jinbiegħu, għandhom ikunu kif ġej:—

MAXIMUM PRICES OF MOTOR VEHICLES

*(Sale of Commodities (Control) Regulations 1972, Regulation 3)*

**Order No. 39**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following types of motor vehicles may be sold, shall be as follows:—